14 ta' Ġunju, 1954.

Imħallef:
L-Onor. Dr. J. Caruana Colombo, B.Litt., LL.D.

Giuseppe Grech et. *versus* Publio Spiteri ne.

**Ċitazzjoni — Ġudizzju Kollettiv — Nullità**

*Il-ġudizzju kollettiv hu ammissibili jekk u meta jikkonkorru ċerti rekwiżiti, jiġifieri li l-kwistjoni li tkun trid tiġi riżoluta tkun identika għal kull wieħed mill-atturi, kif ukoll illi l-interess derivanti mit-titolu u l-oġġett tal-kawża jkun identiku.*

*Jekk ma jikkonkorrux dawn ir-rekwiżiti, u l-konvenut jopponi ruħu għall-proponibilità ta' l-azzjoni b'ġudizzju kollettiv, il-Qorti ma tistax tagħmel ħaġ'oħra ħlief li tiddikjara dak il-ġudizzju improponibili, bħala null,*

Il-Qorti — Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-atturi, fil-kwalità tagħhom fuq imsemmija, wara li jippremettu illi Anna Grech, li kienet bil-ħanut, biegħet u kkonsenjat lil Emilia, mart il-konvenut Publio Spiteri, diversi "groceries", li mill-prezz komplessiv tagħhom għad fadal jitħallas bilanċ ta' £21. 18. 3½., li kien jappartjeni lill-komunjoni ta' l-akkwisti ġa eżistenti bejn l-imsemmija Anna Grech u żewġha, l-attur Giuseppe Grech; u illi l-imsemmija Anna Grech il-lum tinsab mejta, u għalhekk l-imsemmi bilanċ huwa dovut kwantu għal nofs, ċjoè £10. 19. 1¾, lill-imsemmi Giuseppe Grech, u in kwantu għan-nofs l-ieħor lill-attriċi Caterina armla Borg, Elena Demicoli, Emmanuele u Giuseppe aħwa Grech, kwart kull wieħed, bħala eredi ta' l-imsemmija Anna Grech, ommhom; u illi, inoltre, il-konvenut fil-kwalità premess huwa debitur lejn l-attur Giuseppe Demicoli, bħala kap tal-komunjoni ta' l-akkwisti eżistenti bejnu u bejn martu Elena Demicoli, fis-somma ta' £5. 5. 5, dovuta bħala prezz ta' "groceries" lilu mibjugħa u konsenjati; u illi, non ostanti l-interpellazzjoni magħmula bl-ittra uffiċjali ta' l-1 ta' Ġunju 1953, il-konvenut nomine ma ħallas xejn; jitolbu illi, premessi d-dikjarazzjonijiet meħtieġa u l-provvedimenti opportuni, għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-konvenut fil-kwalità premessa jiġi kundannat iħallas lill-attur Giuseppe Demicoli, bħala kap tal-komunjoni ta' l-akkwisti eżistenti bejnu u bejn martu Elena Demicoli, is-somma ta' £5. 5. 5, minnu dovuta bħala prezz ta' "groceries" lilu mibjugħa u konsenjati; u l-konvenut jiġi kundannat iħallas is-somma ta' £21. 18. 3½., minnu dovuta bħala bilanċ tal-prezz ta' "groceries" lilu mibjugħa u konsenjati, kwantu għal nofs, ċjoè £10. 19. 1¾, lill-attur Giuseppe Grech, u kwantu għan-nofs l-ieħor lill-erbgħa atturi l-oħra Caterina armla Borg, Elena Demicoli, u Emmanuele u Giuseppe aħwa Grech, kif fuq rappreżentati, f'seħem ta' kwart kull wieħed. Bl-ispejjeż, komprizi dawk ta' l-ittra uffiċjali ta' l-1 ta' Ġunju 1953, kontra l-konvenut, li ġie mħarrek għas-subizzjoni;

*Omissis;*

Ikkunsidra', fuq l-eċċezzjoni tal-konvenut;

Illi fil-każ taħt eżami l-konvenut ġie mħarrek biex jirrispondi għal żewġ azzjonijiet miġjuba kontra tiegħu; waħda mill-atturi Giuseppe Grech u minn Uliedu Carlerina Borg, Elena Demicoli, Emmanwele u Giuseppe aħwa Grech, għall-kreditu pretiż minnhom ta' £21. 18 3½ prezz ta' affarijiet ta' merċa, u l-oħra mill-attur Giuseppe Demicoli, għall-kreditu pretiż minnu ta' £5. 5. 5, prezz ukoll ta' affarijiet ta' merċa. Għalhekk iċ-ċitazzjoni f'din il-kawża li dik imsejħa fid-dottrina bħala kollettiva, li l-konvenut qiegħed jopponi bħala inammissibili;

Illi, kif ġie deċiż minn din il-Qorti fis-16 ta' Diċembru 1953, fil-kawża fl-ismijiet "Azzopardi vs. Micallef", il-ġudizzju kollettiv hu ammissibi'i jekk u meta jikkonkorru ċerti rekwiżiti, jiġifieri li l-kwistjoni li tkun trid tiġi riżoluta tkun identika għal kull wieħed mill-atturi, kif ukoll li l-interess derivanti mit-titolu u l-oġgett tal-kawża jkun identiku. Jekk ma jikkonkorrux dawn ir-rekwiżiti, u l-parti konvenuta topponi ruħha għall-proponibilità ta' l-azzjoni b'ġudizzju kollettiv, il-Qorti ma tistax tagħmel ħaġ'oħra ħlief tiddikjara dak il-ġudizzju improċedibili, bħala null;

Illi fil-każ taħt eżami hu żgur illi t-titolu u l-oġġett tal-kawża mhux komuni għall-atturi kollha. Kif tajjeb jissottometti l-konvenut fid-dikjarazzjoni tiegħu, l-attur Demicoli hu nteressat biss fl-ewwel domanda; liema domanda ma tirrigwarda bl-ebda mod lill-atturi l-oħra. Għalhekk ma jikkonkorrux f'dan il-każ ir-rekwiżiti meħtieġa għall-ammissibilità tal-ġudizzju kollettiv. U, kif jidher mill-eċċezzjonijiet tiegħu, il-konvenut jopponi ruħu għall-azzjoni kif proposta mill-atturi;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tilqa' l-eċċezzjoni tal-konvenut, billi tiddikjara illi l-azzjoni eżerċitata mill-atturi hi improċedibili, u bħala tali hija nulla; bl-ispejjeż kontra l-istess atturi.